MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1194/2011

Il-Pulizija
(Sp Keith Arnaud u Sp Gabriel Micallef)
vs
Todd Robert Henderson-Drake, iben Robert, imwieled l-Ingilterra fl-1 ta’ Lulju, 1991, Karta ta’ l-Identita numru 64945A

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli b’diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:
1. fil-15 ta’ Ottubru, 2011, f’xi ħin wara nofs in-nhar flimkien ma persuna oħra, minn ġewwa l-kamra numru 118 tal-lukanda Canifor li tinsab fi Triq in-Nakkri, San Pawl il-Baħar, ikkometta serq aggravat ta’ flus, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-ħaġa miruqa jeċċedi l-€232.94 iżda mhux €2,329.37, għad-dannu ta’

David Fitzgerald mill-Ingilterra u/jew persuna jew persuni oħra;
2. fit-18 ta' Ottubru, 2011, f'xi ħin wara nofs in-nhar, flimkien ma persuna oħra, minn ġewwa l-kamra numru 2219 tal-lukanda The Bugibba Hotel, li hi magħrufa ukoll bħala Bugibba Holiday Complex u li tinsab fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar, ikkometta serq aggravat ta' flus, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-ħaġa misruqa jeċċedi l-€232.94 iżda mhux iżjed minn €2,329.37, għad-dannu ta' Angela Robertson mill-Ingilterra u/jew persuna jew persuni oħra;

3. fit-22 ta' Ottubru, 2011, f'xi ħin matul il-ġurnata, flimkien ma persuna oħra minn ġewwa l-kamra numru 326 tal-lukanda Canifor li tinsab fi Triq in-Nakkri, San Pawl il-Baħar, ikkometta serq aggravate ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-ħaġa misruqa jeċċedi l-€232.94 iżda mhux iżjed minn €2,329.37, għad-dannu ta' Evelyn Yuliana Renteria Romeo mill-Ingilterra u/jew persuna jew persuni oħra;
4. fl-24 ta' Ottubru, 2011, f'xi ħin wara nofs in-nhar, flimkien ma persuna oħra, minn ġewwa l-kamra numru 312 tal-lukanda Porto Azzurro Resort li tinsab fi Triq ir-Risott, il-Bajja tax-Xemxija, San Pawl il-Baħar, ikkometta serq aggravat ta' flus, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz u bil-valur tal-ħaġa misruqa jeċċedi l-€232.94 iżda mhux iżjed minn €2,329.37, għad-dannu ta' Britt Marie Christina Olsson mill-Isvezja u/jew persuna jew persuni oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Ottubru, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ), 263(a), 267 u 278(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba’ snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------